IR-RABA' KTIEB DIĊEMBRU
ID-DISGHA U TLETIN SENA 1962

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

L-Editur — Il-Għaqda fil-"Għaqda" ... ... ... ... faċċ. 101
Charles Coleiro — *Milied Malti* ... ... ... ... ,, 102
Pawlu Aquilina — *Bla Benna, Bla Gmiel* ... ... ... ,, 103
A.Z. — Karmenu Vassallo, Poeta u Filosfu ... ... ,, 104
Gużi Abela — *Kristina* ... ... ... ... ... ... ,, 109
Dun Frans Camilleri — *Jum l-Aħħar Ħaqq* ... ... ... ,, 110
Dun Frans Camilleri — *Id-Dar* ... ... ... ... ,, 110
A. Cremona, D.Litt. — Blackie ... ... ... ... ... ,, 111
Wallace Ph. Gulia, B.A., B.Sc., LL.D., M.A. (Admin.) (Manch.) D.P.A. (Lond.) — *De Profundis* ,, 117
Gius. Mifsud Bonnici — *Lill-Madonna tas-Saħħa* ... ... ,, 121
Kronoka tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ,, 122
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ,, 123
Werrej tas-Sena 1962 ... ... ... ... ... ,, 131

IL-PRESIDENT U L-KUNSILL TAL-GHAQDA

JIXTIEQU

LILL-MEMBRI U MSEHBIN F'"IL-MALTI"

KULL RIZQ U HENA MATUL IS-SENA L-ĠDIDA.

DIRETTUR: Prof. Gużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,
34/14, Triq id-Dejqa, Vallet'a
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1962


## IL-GHAQDA FIL-"GHAQDA"

*IL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI" hi waħda mix-xirkiet l-aktar qodma u l-aktar stmati fil-Gżejjer tagħna; il-lum hi saret istituzzjoni nazzjonali u għalkemm hemm x'uħud li għadhom ma jaħmluhiex, il-poplu ħaddanha u l-awtoritajiet ma jbarruhiex.*

*Imma biex waslet fejn waslet u biex kisbet il-għożża tal-Maltin, il-"Għaqda" dejjem imxiet bil-għaqal u bil-qies u fuq kollox dejjem kienet imwieżna mill-fehma għalenija tal-Membri tagħha. Il-"Għaqda" mit-twaqqif tagħha qatt ma nqdiet bil-għadd ta' l-imseħbin biex turi saħħitha jew setgħetha, iżda dejjem rabtet fuq l-irġulija u l-għaqal tal-Membri u fuq kollox fuq ir-rabta ta' bejniethom. L-"Għaqda" dejjem żammet mal-fehma li aħjar ftit membri magħżulin milli bosta mherwlin. F'dawn is-snin twal li għaddew minn meta Ġużè Muscat Azzopardi u ħbiebu waqqfu l-"Għaqda", din kellha Membri nies minn kull klassi: qassisin, professjonisti, skulari, impjegati, negozjanti u ħaddiema, għax il-"Għaqda" ma tħaresx lejn il-qagħda ta' dak li jkun, imma biss lejn il-ħila tiegħu bħala kittieb u lejn il-ġibda tiegħu lejn l-ilsien Malti. Imma f'dawn s-snin, għalkemm kien hemm Membri ta' bosta fehmiet individwali, f'dak li kellu x'jaqsam mal-"Għaqda" huma lkoll u dejjem kienu ta' fehma waħda u ħadmu id f'id.*

*Sa fejn nafu aħna, qatt ħadd mill-Membri ma mexa bid-dieher jew bil-moħbi kontra l-prinċipji tal-"Għaqda" u fuq kollox l-ebda wieħed ma ħadha kontra l-"Għaqda". Kienet din l-annuna u din il-għaqda fost il-Membri li nisslet dik is-setgħa u tat dak l-isem li għalihom il-"Għaqda" l-lum hi magħrufa u meqjuma mhux biss f'Malta iżda barra minn Malta wkoll.*

*Dan ma jfissirx li l-Membri tal-"Għaqda" dejjem imxew ġwejdin kif qalulhom il-mexxejja tagħhom; għall-kuntrarju l-Membri kienu minn dejjem nies magħrufin għall-individwaliżmu u għall-għerf tagħhom; nies li jaħsbu b'rashom u ma jħallux min jinqeda bihom; huma kellhom l-idejiet u l-fehmiet tagħhom li kienu jsostnu fid-diskussjonijiet tagħhom imma ta' galantomi li kienu, huma qatt ma ħarġu jissieltu jew jitgħajru barra minn*

*ħdan il-"Għaqda" u dak li kellhom x'igħidu dejjem qaluh bla ħabi lil xulxin u mhux marru jxandruh fost il-barranin.*

*Dawk ta' qabilna kellhom ħafna problemi u kwistjonijiet imma dejjem ittrattawhom fil-laqgħat tal-"Għaqda" u ladarba jaqbdu "policy" ħadd minnhom ma kien igħaddilu minn rasu li jmur jisparla kontra tagħha, għax il-ħsieb tagħhom kien dejjem li jmexxu 'l quddiem l-ilsien Malti u qatt ma ħallew ruħhom jintrikbu mill-egoiżmu jew mir-regħba. L-ebda wieħed minnhom xi darba ħolom li jmur jikteb kontra r-rivista tal-"Għaqda" f'ġurnal barrani, u kull meta kien ikollhom x'igħidu dwar il-"policy", kienu b'wiċċhom minn quddiem igħiduha lill-mexxejja tal-"Għaqda" jew iġibuha fis-seduti tagħha.*

*B'din il-manjiera l-Membri tal-"Għaqda"' dejjem ħarsuha minn xi firda għax bħala nies għaqlin setgħu jagħrfu li x-xiżma mhux biss therri u ddgħajjef iżda teqred u ttemm.*

*Għalhekk il-mexxejja u l-imseħbin tal-"Għaqda" dejjem ħabirku biex ikunu annuna għax jafu li n-nuqqas ta' ftehim, u fuq kollox l-egoiżmu, ikunu l-irvina ta' din il-ġemgħa ta' nies galantomi li jagħmlu ġieh mhux biss l-ilsien Malti, iżda lill-pajjiż. Nimxu mela fit-triq li fetħulna dawk ta' qabilna, triq ta' rġulija, ta' ftehim u ta' għaqda li twassalna għall-ideal tagħna.*

## MILIED MALTI

*Ta'* CHARLES COLEIRO

4 **Ersaq Milied qaddis fuq Malta tagħna,**
**Bil-ferħ u l-hena li wellidt fl-istalla;**
**Ibdel il-mard u l-hemm f'uċuh ferħana**
**U ixħet fuq dil-Gżira l-barka t'Alla.**

**Erġa', Bambin Ġesù, sib il-maxtura**
**F'kull dar li għandna u xxerred fuqha l-milja**
**Tal-grazzji li teħtieġ, fil-qlub mistura**
**Ta' l-imnikktin, fl-ulied ta' kull familja.**

**Ejja bħal dari mdawwar bil-ġulbiena,**
**Bil-kant taċ-ċkejkna, il-priedki sbieħ ta' tifel,**
**Bil-kagħak tal-għasel u l-lejliet fiddiena**
**Ta' qamar jidħak, u presepju jixgħel.**

**Nibqgħu, Maltin, nifirħu bil-Bambin,**
**Niċħdu d-drawwiet kesħin tal-barranin.**

## BLA BENNA, BLA ĠMIEL...

*Ta'* Pawlu Aquilina

Għanqud sabiħ, ineffaħ
U jħammar wiċċu sħiħ:
Lariġ ta' Malta; bnina
il-ħlewwa ta' ġo fih!

Għaddejt tmintax-il waħda
Marsusa ma' xulxin,
Bil-weraq minsuġ fihom,
Bil-qtar tan-nida fin.

Biss waħda, f'nofs il-bqija,
Mixruba, kollha dud,
Bħal borra rtabet, bjadet
U ħassret ġmiel l-għanqud!

U sefgħet dik ħlewwitha
Fi qrusa kollha mrar;
U ġmielha ħeba wiċċu:
M'għadux sabiħ jiħmar.

U t-tnejn li kienu magħha
Jinħabbu mit-twelid,
Sfaw bħalha: morda, imħassra;
Maż-żmien, bil-ftit il-ftit.

U waħda wara l-oħra
L-għanqud sabiħ intemm!
Sar kollu dud u qrusa,
Minn benna ħamra demm!

* * *

Għadni narah jiżżeffen
Mal-fergħa tqila bih:
Għanqud lariġ ta' Malta,
Mill-aħmar, mis-sabiħ!

U fil-ħurrieq ta' taħtu,
Mifqugħ u kollu dud,
Rajtu jintemm, imħassar
U mdewwed il-għanqud!

# KARMENU VASSALLO — POETA U FILOSFU

*Ta'* A.Z.

JEKK hawn poeta Malti li kanta l-bniedem fil-ġlieda tiegħu favur Alla jew kontra Alla, fit-taqbida mad-dinja kontra jew favur ix-xitan, dan hu Karmenu Vassallo. Tassew li Dun Karm uriena qalb il-bniedem miftuħa għall-grazzja divina għaliex imseddaq mill-Emmna tiegħu, u wissieh bosta drabi biex ma jitbegħidx minnha; hu minnu wkoll li l-Professur Cuschieri fetaħ qalbu mnikkta mill-għomma tal-ħajja sabiex is-Sultana tal-Grazzi jkollha ħniena minnu u thennih mill-ġdid billi tħarsu taħt il-mant Tagħha; iżda ħadd ħlief Vassallo (barra forsi xi ftit Ġużè Aquilina li fis-salmi jieħu l-istess spont) ma ressaq quddiemna l-bniedem mimli bih innifsu, u mxewwex kontra Alla li ħalqu, jerfa' rasu u jgħajjat, imqar għal waqt wieħed biss, JIEN U ĦADD ĦLIEFI. Iżda dan il-bniedem, għalkemm fil-beraħ jiċħad lil Alla, fil-moħbi ta' qalbu ma jwettaqx kelmtu, u agħma fi kburitu jibda jħaqqaqha u jrid ikun jaf għaliex fil-pjan ma tnissilx qabel ma Adam u Eva dinbu hekk li kien jibqa' jgħix hieni fuq wiċċ l-art. Iżda l-istess dawl ta' l-intellett malajr iġiegħlu jsaqsi lilu nnifsu kienx ikun sar il-ħaqq kieku ma kenitx saret il-prova — prova li saħansitra l-anġli ġarrbu! U bi tweġiba l-bniedem imil quddiem il-majjistà divina t'Alla l-Missier li ħalaq is-Sema u l-art u kull ma fihom; jitkexkex meta jifhem kif il-ħniena t'Alla l-Iben wasslitu sal-mewt tas-salib sabiex jifdina mill-jasar taddnub; u jissaħħaħ bil-qlubija għall-ġlieda kontra s-setgħa taddlamijiet meta l-leħma li tfur mill-imħabba t'Alla, Ruħ il-Qodos, iddawwallu moħħu u timlieh bil-ħerqa qawwija li twasslu biex jiċħad id-dinja ħalli fl-aħħar joħroġ rebbieħ fuq il-mewt u jingħaqad għal dejjem ma' Sidu fis-saltna tal-Ġenna.

Għaliex Karmenu Vassallo jara l-kruha tal-ħajja, jifhem u jħoss il-ġlieda bla ma taqta' bejn it-Tajjeb u l-Ħażin, juri għommtu u jibda biex jaqta' qalbu, libbsuh l-isem ta' pessimista, xebbhuh lil Giacomo Leopardi. Mhux ser niċħdu li forsi Vassallo wkoll xorob mill-istess nixxiegħa li fiha bell il-Leopardi u poeti oħra Taljani bħalma l-Parini u l-Foscolo, imma l-poeżija vassalljana għandha minn, u kultant donnha tidwi xi ftit, dik ta' Francis Thompson, (li fil-famuża ode "THE HOUND OF HEAVEN"

jfakkrek fid-"DIO-AMORE" ta' Silvio Pellico u li kien jammira ħafna l-poeti Kattoliċi Ingliżi Crashaw u Herbert), kif ukoll minn dik ta' Gerard Manley Hopkins, il-Ġiżwita. Naħsbu li nkunu rsaqna aktar lejn qrib is-sewwa jekk ngħidu li l-problema hi komuni għal kull wieħed minn dawn il-poeti — min iħares lejha minn naħa, min minn oħra; min jaraha fid-dawl tal-fidi u jibqa' jittama, min le u jsir *pessimista**.

Min hu dak il-bniedem li xi darba jew oħra matul ħajtu (u forsi aktar minn darba waħda biss tul għomru!) meta ra ma' wiċċu xi għawġ kbir li minnu ma kienx jaf kif ser joħroġ jew meta mewġa wara oħra ta' twegħir kien iħossha qed tobormu u ser tkarkru magħha, jonkella meta sab ruħu jterter fil-bard tal-faqar u fil-għaqs tal-ġuħ ma wasalx biex jibda jaqta' jiesu u jitlef kull tama jonkella nfexx f'bikja li ssaffi l-qalb u tnissel il-faraġ? Din nistgħu ngħidu li hi l-istorja ta' l-umanità u li ħadd ma jaħrabha, saħansitra dawk li fid-dieher ħajjithom hi għanja waħda ta' hena u ferħ.

Iżda Vassallo hu aqwa minn bniedem; hu wkoll poeta. Fi żmien il-gwaj in-nies jew tidħol fiha nfisha u tilbes libsa ta' satar biex ma turix fiex tinsab, jonkella tisfoga f'biki u għajat, kor-la jew theddid li ħafna drabi ma jwasslu mkien; hawn ukoll min jingħi u jistabar. Mhux hekk il-poeta: hu jiġbor ġo fih, jitħasseb, jhewden, itella' u jniżżel u fl-aħħarnett, meta qalbu tkun ser tinqasam joħroġ ibaqbaq fil-għanja tiegħu dak kollu li jkun dam żmien mistur f'dik il-qalb miġruħa u mdemma. U din l-għanja tista' tkun kollha ħlewwa jew qalila bil-għadab; imma

* **NOTA**: Billi xi wħud minn dawn il-poeti Ingliżi mhumiex magħrufa ħafna, forsi ma jkunx għal kollox barra minn loku li wieħed jagħti xempju qasir tal-għana tagħhom.

CHRIST CRUCIFIED — RICHARD CRASHAW

The restless feet now cannot go
For us and our eternal good,
As they were wont. What though
They swim, alas! In their own flood?

Thy hands to give Thou canst not lift,
Yet will Thy hand still giving be;
It gives, but O, itself's the gift!
It gives tho' bound, tho' bound 'tis free!

billi dak li għidna għal fuq żmien il-għawġ, għall-poeta jgħodd ukoll għal dawk il-waqtiet rari ta' ferħ u hena, xi drabi l-għana jkun imżejjen bis-sabar tat-tama, bil-qawwa tar-rebħ, bil-ġmiel tal-hena.

Minn għalina, Karmenu Vassallo mhux pessimista, iżda poeta-filosfu tal-veriżmu (li jingħażel mir-realiżmu ta' Balzac u Flaubert jew min-naturaliżmu ta' Lucretius, Diderot, Goethe, l-aħwa Goucourt u Zola), metafisiċista tal-esistenzjaliżmu kristjan, b'eku (liriku) ta' Catullus aktar milli ta' Sartre. Għax fuq kollox Vassallo hu nisrani. Hu jħoss u jgħix il-ġlieda qalila li tħabbat il-ħajja tagħna; il-ġibda għall-ħażen li tgħaxxina u tmewtilna ħajjitna; is-sejħa għat-tajjeb ta' l-anġlu li jħarisna. Quddiem għajnejh jidhru ċar il-pjagi ta' l-umanità—l-aktar tas-soċjetà maltija: il-qerq, il-wiċċ b'ieħor, is-serq, il-frugħa, il-kobrija, iż-żina li minnhom kien mirfus għax fqir, għax mhux ħajjen, għax ma jgħidx ħaġa u jagħmel oħra, għax ma jridx dak li mhux tiegħu. U dan it-tiżjin li bih jiddandan il-bniedem modern hu jixli quddiem it-tron ta' Kristu Feddej u jiħrax, ikasbar lil dawk li biex jilħqu jagħmlu sellum minn dawn d-dnubiet li jmarrdu l-bniedem.

---

### LOVE — George Herbert

Love bade me welcome; yet my soul drew back,
Guilty of dust and sin.
But quick — eyed Love, observing me grew slack
From my first entrance in,
Drew nearer to me, sweetly questioning
If I lack'd anything.

'A guest', I answer'd, 'worthy to be here:'
Love said, 'You shall be he'.
'I, the unkind, ungrateful? Ah, my dear,
I cannot look on Thee'.
Love took my hand and smiling did reply,
'Who made the eyes but I?'

'Truth, Lord; but I have marr'd them: let my shame
Go where it doth deserve'.
'And know you not', says Love, 'Who bore the blame?'
'My dear, then I will serve'.
'You must sit down', says Love, 'and taste my meat'.
So I did sit and eat.

Forsi għalhekk Vassallo jista' jitqies mill-iskola ta' Graham Greene u Francois Maurice għalkemm x'aktarx ma kienx influwenzat mill-kitba tagħhom, imma kien bħalhom ukoll—l-istess bħal oħrajn li diġà semmejna qabel—imqanqal mill-istess ħsebijiet dwar il-ħajja tal-bniedem. Imma Vassallo hu poeta u mhux romanzier; u billi tassew poeta hu universali u jitkellem f'isem l-umanità, għall-bnedmin kollha li kull wieħed minnhom, min ftit aktar, min ftit inqas, iħoss bħalu, u bħalu jwieġeb għall-ġibdiet ta' moħħu u ta' ġismu.

Poeti oħra forsi jarawhom ukoll dawn il-ġerħat koroh, iżda jdawru wiċċhom u jfittxu l-bqija li jekk ma jhennix iżda ma jregħixx; jonkella jaħirbu bogħod u jmorru jittajru f'dinja oħra maħluqa mill-fantażija romantika fejn kollox ilellex, kollox ifewwaħ; fejn l-ikreh isir sabiħ, il-ħażin tajjeb... u l-bniedem igħix hieni. Vassallo mhux hekk.

Meta jsofri jirribella, jerfa' leħnu u jsaqsi lil Alla għaliex qed jagħmillu hekk: għaliex il-ħajjen igawdi l-glorja, għaliex il-brikkun, il-falz, il-ġakbin jirbaħ u jsaltan, għaliex il-għani jitħalla jwebbes qalbu u ż-żgħir jipprova jogħla aktar mill-kbir. U jkun ser jisħet il-ħajja, jiċħadha. Imma ħarsa madwaru timmutah u d-dawl tal-Emmna tiegħu jurih kemm mhu xejn; hu jitriegħex minnu nnifsu u jmil wiċċu ma' l-art filwaqt li karba mill-qalb tisfa' f'għajta lill-Mulej, f'talba sogħbiena, biex lil dak id-dudu, li azzarda jerfa' għajnejh 'il fuq, jaħfirlu għax niedem.

Hu d-dawl, qawwi daqs l-akbar dija, li joħroġ mill-pjagi ta' l-Imsallab li jfissirlu l-għaliex tat-tbatija fuq l-art: għax l-Imsallab bata u miet u ħareġ rebbieħ fuq il-mewt u fuq Satana; għax il-bniedem biex jirbaħ tassew irid jimxi wara l-Feddej u

---

SONNET — GERARD MANLEY HOPKINS

Thou art just, Lord, if I contend
With thee: but, Sir, so what I plead is just.
Why do sinners' ways prosper? and why must
Disappointment all I endeavour end?
Wert thou my enemy, O thou my friend,
How wouldst thou worse, I wonder than thou dost
Defeat, thwart me? Oh, the sots and thralls of lust
Do in spare hours more thrive than I that spend,
Sir, like upon thy cause. See, banks and brakes
Now, leaved how thick! laced they are again
With fretty chervil, look, and fresh wind shakes
Them; birds build — but not I build; no but strain,
Time's eunuch, and not breed one work that wakes.
Mine, O thou lord of life, send my roots rain.

bħalu jkun kiebi, bħalu jġarrab il-qerq, bħalu jitriegħex u jistħi qabel ma jgawdi l-vera glorja.

Imma għalkemm fl-essenza tiegħu l-poeta Vassallo hu esistenzjalista, hemm sensiela ta' kwadri misterjużi li qatt mhuma 'l bogħod minn moħħu : hu jiftakar kemm Kristu ħabb lil Malta u Ommu kemm wennsitha; kif huma amru lill-mewġ li jaħsel ix-xtajta maltija mhux le li jgħattiha, iżda li joħdilha lil Pawlu biex iwasslilha l-aħbar it-tajba, li jdewwilha l-ġerħat, li jifdiha mill-jasar. U mill-imgħoddi tagħna Vassallo jagħraf x'għandu jgħid lil ħutu Maltin, kif għandu jwissihom għall-ġid tagħhom billi jħajjarhom iweġġħu l-qaddisin patruni tagħhom u jisimgħu mill-ministri t'Alla.

Il-motiv tal-ħajja poetika ta' Vassallo baqa' qatt ma nbidel għal kollox, iżda biż-żmien il-ħsieb sar aktar profond u nfirex sat-trufijiet tat-taħbila li hi l-ħajja tagħna, anzi daħal fl-irkejjen l-aktar imwarrba u mudlama u xi drabi daqsxejn maħmuġa meta ma jintnux ukoll—kuntrast stridenti man-naħiet l-oħra, sbieħ, mielsa u mfewħa mis-safa ta' l-indafa. U Vassallo, ta' bniedem sinċier mhux biss magħna, imma qabel kollox miegħu nnifsu, ma stmerrx ikanta l-ħajja kif jaraha hu—kollha kontrasti; fuq kollox hu jressaq quddiemna t-tqanqiliet tiegħu mlibbsa kliem li jixirqilhom minsuġa f'versi u strofi ta' bosta għamliet li jtuna metru meqjus u mfassal bil-għaqal ħalli jimxu tajjeb mar-ritmu tal-ħsieb, hekk li nifhmu ħsus qalbu aktar milli naraw ċar wiċċna f'mera għax ix-xellug jidher dejjem xellug u qatt lemin. Biex ikun jista' jagħmel dan, Vassallo ħaddem ilsienna b'dehen kbir u ħareġ minnu suriet poetiċi ġodda u ħoloq ritmu ftit u xejn ġdid għalina—aħrax u iebes, jeħel u jaqbeż, jitkaxkar u jitgħawweġ fil-mixja tiegħu dejjem quddemija, imma mhux nieqes mill-ħlewwa, ħlewwa misterjuża—kif inhi, forsi d-daqqa tal-ħajja maltija tal-lum. Tgħid għalhekk jogħġobna daqshekk?

Minkejja l-preġji kollha li semmejna, kieku l-poeżija vassalljana ma kenitx fl-istess ħin ukoll soġġettiva (ta' sikwit il-poeta jaqa' fuq dak li għadda minn għalih matul ħajtu); għanja bis-sbuħija tan-nota lirika hekk li tressaq lejn l-uman u taħji bis-sħana wtieqa tal-Fidi l-ħsieb biered teoloġiku filwaqt li tlibbes il-ġwienaħ lil-loġika kiesħa u ċassa; u fuq kollox imżewqa b'minjaturi delikati li l-awtur jpinġi b'daqqiet ħfief imma mlewnin, il-valur estetiku tagħha kien jonqos qatigħ għaliex forsi kienet tkun ħarxa żżejjed u flok ma tnissel fina l-indiema, sabiex

imħaffa mit-toqol ta' ħtijietna u safjin mill-ġdid bħall-bniedem qabel l-ewwel waqgħa, inkunu nistgħu nseħbuha f'titjira eterea, kienet tħallina fuq dina l-art kiefra moħħna mbergħen bit-taħwid u ġisimna mxekkel mit-tweghir tal-ħajja.

---

## KRISTINA

*Ta'* Ġużi Abela

Kont ċkejkna meta kont tiġi tkellimni
jiena u nagħżaq fil-ġnien, fis-Seminarju,
liebes qalziet tax-xogħol u qmis imkemmxa,
f'rasi kappell qadim.

Kont tistaqsini meta niżra' l-ġiżi,
u kemm idumu sakemm jikbru u jiftħu,
u kont iġġagħalni nwiegħdek tidħol tagħżel
bukkett sabiħ ifuħ.

Imm'issa kbirt u twalt u timxi dritta,
lanqas issellem, u kultant iddawwar
ħarstek band'oħra, u ġo wiċċek nilmaħ
sħaba ta' ħsebijiet.

Donnok tibża' titnikker hawn tkellimni.
Donni jien naf b'xi ħaġa u nidher ikrah.
Donni lest biex inċanfrek. Donnok ħatja,
ħatja mingħajr ma trid,

U għadni nagħżaq b'dawn il-ħwejjeġ qodma,
U żdiedet l-għabra fil-kappell ta' dari,
u l-fjuri kibru u nixfu u miż-żerriegħa
rawwimt ħmiemel oħrajn.

Kultant igħaddi xi ħadd u jgħidli 'saħħa',
kultant ma jgħaddi ħadd ħlief xi żewġ friefet...
Imma Kristina ma tgħaddix minn ħdejja,
Kristina għalija mietet.

Kristina, la tgħaddix minn din it-trejqa,
u la tiqafx tkellimni. Int issa kbira.
Imma jien għadni żgħir, żagħżugħ għal dejjem.
*Għalhekk* se nsir qassis.

Lulju, 1955.

## JUM L-AHHAR ĦAQQ

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Tal-biża', tat-twerwir u qilla kbira
ikun il-jum tal-ħaqq. Mifxul u mriegħed,
min għasar demm il-fqir tħammru t-tifkira
u s-saħta f'dak il-għajb ma' ismu mqiegħed.

Jum tat-tkexkix għal min għamel ilsira
ta' ġismu lil mart għajru, għal min wiegħed
ġenna ta' l-art u daħak b'tifla fqira
li ħalla tul is-snin tibki u titniehed.

Ifeġġ il-jum ta' rebħ għal min bla ħtija
xeħtuh il-ħabs, qerduh, littmu 'l uliedu,
għal min, għax ħabb lill-fqir, bata l-moħqrija.

Dinja misħuta, għad jasal il-jum tiegħek
u tħallas talli fnejt l-eroj li riedu
jikxfu wiċċek qarrieq u ssieltu miegħek!

## ID-DAR

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Bejta ta' mħabba fejn il-qlub ferħana
jgħixu fis-sliem, henjin fix-xemx tal-ħajja,
int taf il-ħlewwa, il-ferħ u l-mewġ tal-għana
li jfawwar f'dawk il-qlub; u taf il-ġrajja

ta' dmugħ u għaks meta l-ulied kotrana
jinġabru madwar mejda, hekk bħal qtajja'
għasafar żgħar li, imsejkna, il-frak tagħna
jixxennqu u ma jsibuhx fl-egħlieqi u l-plajja.

Hemm f'qalbek moħbijin fl-ikbar misterju
il-ħajja u l-mewt. Int tifraħ fi twelidna
u tibki t-tluq qalil għaċ-ċimiterju.

Int tilqa' wlied l-ulied minn żmien għal żmien...
u waqt li nħallu fik ħajjitna u ġidna,
tilmaħ dil-bidla, siekta... bla waqfien.

# BLACKIE

*Ta'* A. Cremona

*(Jaqbad man-Numru ta' qabel mill-paġna 91)*

WARA xi siegħa u nofs, b'qalbhom ittaqtaq bil-biża' li jiltaqgħu ma' xi xkiel ta' attakk mill-ajru għalgħarrieda, sabu ruħhom fid-dar iċ-ċkejkna ta' l-Imdina.

Blackie, malli sab ruħu meħlus minn dak l-għeluq ta' ġewwa ċ-ċurniena, bla ma jaf kif u l-għala, beda jdur 'l hawn u 'l hinn ifittex b'għajnejh u bin-naska l-irkejjen ta' dari; ħarstu jdawwarha 'l hawn u 'l hinn: lejn il-ħitan, is-saqaf, u l-iktar lejn il-fetħa ta' l-isprall tal-kantina l-ġdida. Għalkemm xamm ir-riħa ta' l-ikel, bħalma kien ixomm fid-dar fejn kien trabba, beda jintebah li kienu ġibuh taħt saqaf ieħor. Hu xejn ma fettex, bħal dari, li jmur jitmelles ma' riġlejn Delina jew Rożina, jew imur f'ħoġorhom, jew imur jitrekken għas-sħana tal-kuċiniera. Hsiebu kien band'oħra, ifittex xi tieqa għal barra. Għalxejn dawk iż-żewġt ibniet kienu jerfgħuh f'ħoġorhom u jżiegħlu bih: għalih kienu donnhom nies barranin, moħħu biex jiżloq minn taħt idejhom u jxammam 'l hawn u 'l hinn, iwaqqaf widnejh għal kull ħoss li jisma' u jingħi.

"Dak il-qattus moħħu barra. Ara, Delina, li ma jaħrablekx, għax jekk joħroġ ma nsibuhx iżjed", dlonk qabżet tgħid l-omm meta rat lil Delina terħi minn idejha l-qattus, u dan ħabat sa jitla' t-taraġ tal-kantina.

Delina u Rożina ftiehmu, għalhekk, li jagħlqu l-qattus taħt it-taraġ tal-kantina sakemm jidra, qalu huma. Iżda wara li xeħtuh hemmhekk, il-qattus beda jingħi u jħarbex il-bieb b'saqajh, u kellhom joħorġuh. Tellgħuh fil-kmamar ta' fuq, fuq is-sodda, imma l-qattus ma kellu sabar joqgħod imkien; tellgħuh fuq il-bejt—dejjem f'idejn Delina u Rożina. Minn dak il-għoli, Blackie tafa' l-ħarsa tiegħu lejn dik il-medda raba' kollha ħdura u għorof, għoljiet u bini ta' rħula, u fil-bogħod 'il bogħod, bini ta' bliet u kampnari jmissu mas-sema li kien beda jintefa u jinħeba fiċ-ċpar irmiedi ta' fil-għaxija meta x-xemx kienet qiegħda tgħib ftit ftit min-naħa ta' l-Imtarfa. Il-ħarsa tal-qattus b'dawk l-għajnejn ileqqu u jibru kienu jagħtuk x'taħseb li kien qiegħed ifittex dik id-dar li issa kienu firduh minnha bix-xewqa kbira li jarġa' jitħenna bl-irkejjen u bl-inħawi tagħha li qalbu kienet qiegħda tixxennaq għalihom.

Dik il-lejla, Blackie, hekk kif sab ruħu ġewwa kantina b'kamra waħda bi sprall li jagħti għal fuq it-triq u b'rokna taħt it-taraġ li stħajjilha għall-ewwel dik li fiha kien jieħu xi nagħsa, wara li teftef xi ftit ix-xewk ta' xi aringa u xi loqma ħobż mxarrba b'xi tisjir minn ġewwa platt tal-fuħħar, intafa' kobba u ħeba wiċċu bejn saqajh ta' quddiem u nesa d-dinja ġdida li hekk għalgħarrieda sab ruħu fiha. Delina u Rożina, ħallewh waħdu bil-ħsieb li jdarruh ftit ftit l-irkejjen ġodda ta' dik id-dar, u telgħu jorqdu ma' ħuthom wara li raw li Blackie kien fl-isbaħ raqda.

* * *

L-għada kmieni kmieni l-omm qajmet lil Tessie u lil Delina biex imorru jixtru l-fliexken tal-ħalib. Rożina ċ-ċkejkna qamet magħhom ukoll, għax malli beda jbexbex ma kellhiex sabar tibqa' rieqda u libset minnufih u niżlet fil-kantina flimkien ma' Delina tittawwal lill-qattus. Sabuh għadu rieqed. Telgħu bil-kiss inkiss u flimkien ma' oħthom il-kbira telqu b'ġirja waħda għal fuq is-Saqqajja biex jixtru l-fliexken tal-ħalib. Kif reġgħu lura sabu l-bieb ta' barra nofsu miftuħ, niżlu fil-kantina u jsibu 'l ommhom theġġi t-tè u tnaddaf il-kċina. Delina u Rożina marru jagħtu daqqa ta' għajn lejn ir-rokna fejn ħallew rieqed il-qattus. Imma l-qattus ma kienx hemm.

"Mamà! Blackie mhux hawn! Rajtu xejn?" staqsiet minnufih Rożina. Hija u Delina bdew ifittxuh f'kull rokna tal-kċina; telgħu fuq, ittawlu taħt is-sodod, fl-irkejjen. Il-qattus ma deher imkien.

"Xi ħadd ħalla l-bieb ta' barra miftuħ, jew intom, jew il-papà huwa u ħiereġ għax-xogħol", qabżet tgħidilhom ommhom wara li niżlu jgħidulha li l-Blackie ma sabuhx.

"Aħna ħallejnieh rieqed taħt it-taraġ f'rokna", qabżet tgħid Delina, "il-bieb ta' barra sibnieh miftuħ, imma mhux għal kollox, meta ġejna lura".

"Mela ħarab mill-bieb. Issa qajla nsibuh. Min jaf għalfejn irħielha?" wieġbet l-omm.

"Jien ma nafx", reġgħet Delina, "ma nafx li ħallejna l-bieb miftuħ x'ħin morna nixtru l-ħalib. Naf li meta rġajna lura il-bieb kien nofsu miftuħ".

"Imxi mmorru nfittxuh", qabżet Tessie, "dak ma satax mar 'il bogħod".

Hekk kif niżel ħuhom fil-kantina għat-tè u sabhom f'dik il-bixla, ħabat ifittex il-qattus mad-dar kollha.

"Fittxejnieh kullimkien", qaltlu Tessie. "Hawnhekk mhux. Immorru nfittxuh barra, forsi nsibuh il-foss jew fuq is-swar" U l-aħwa kollha telqu għall-kaċċa ta' Blackie.

Iżda fittex minn hawn u fittex minn hemm, la fuq is-swar, la fil-foss, la fit-triqat ta' l-inħawi, la fix-xelter ta' ġewwa l-mina, la fil-ġnien ta' fuq is-Saqqajja, imkien ma deher dan l-imbierek ta' qattus. U qalbhom maqtugħa, l-erbat aħwa reġgħu lejn id-dar b'nifishom maqtugħ, rashom imgħaddsa u bla ebda ħajra li jduqu t-tè li ommhom ferrgħatilhom malli waslu.

"La darba sab it-triq ta' barra, lil Blackie issa qajla tarawh b'għajnejkom iżjed. Li konna għadna fid-dar l-oħra dlonk kontu tarawh jarġa' jiġi mument jew ieħor. Il-bieb ta' din id-dar ma jafu b'xejn... u ma nafx x'jrid ikun biex issa jinsab", qaltilhom ommhom.

"Imma aħna nerġgħu mmorru nfittxuh u fl-aħħar insibuh", qabżet Delina. Bil-kemm kellhom sabar itemmu l-kikkra tè li kellhom quddiemhom, li Delina u Rożina ma reġgħux ħarġu 'l barra biex imorru jagħtu daqqa ta' għajn oħra fl-inħawi u fit-triqat ta' dik il-ħâra. Iżda, wara nofs ta' nhar sħiħ ta' tfittxija Rożina u Delina ġew lura lejn id-dar qalbhom sewda l-għaliex lil Blackie ma sabuhx.

* * *

Għadda xahar u Blackie ma nstabx. L-omm, wara xi xahrejn minn l-aħħar mawra tagħha fid-dar li kellhom fit-trufijiet ta' Bormla fl-inħawi tal-Hawli, xtaqet tarġa' tmur tagħti titwila lil dik id-dar u tieħu xi għata tas-sodod għax kienet riesqa x-xitwa. L-ewwel jum li dehrilha li tista' tiċċaqlaq, f'ħemda ta' l-ajru, li kien ilu xi jumejn ma jiġi miksur mill-ħsejjes ta' l-ajruplani tal-għadu, hekk kif ħareġ żewġha għax-xogħol, telqet ma' wliedha kollha lejn darha f'Tal-Hawli.

Hekk kif waslu qalgħu xi għata u xi ħwejjeġ oħra, ġabruhom fi tliet sarar biex wara nofs in-nhar iġorruhom magħhom lejn id-dar ta' l-Imdina. Rożina u Delina flimkien ma' Tessie marru għand Lieni tar-razzett biex ibaxxruha bit-telfa ta' Blackie. Dik, malli rathom, ħabtet tistaqsihom x'kien li reġgħu ġew lejn il-Hawli mill-Imdina, iżda dawk qatgħulha l-ewwel kelma li ħarġet minn fommha u tawha l-bxara illi l-qattus, wara li kienu ħaduh magħhom, ħarbilhom u ma deherx iżjed.

"Kieku taf kemm għalejna għal Blackie" qaltilha Rożina bid-dmugħ f'għajnejha.

"Imma l-qattus l-Iswed tagħkom għadu hawn. Kif inhi din li intom kontu ħadtuh l-Imdina magħkom u reġa' ġie waħdu hawnhekk?" qabżet tgħidilhom Lieni.

"Blackie qiegħed hawn?" staqsiet b'għajnejha mberrqin Delina. "Tassew?"

"Iva, binti", wieġbet Lieni.

"Mhux xi qattus ieħor?", staqsietha Tessie.

"Le, le, uliedi; dak li jiġi ta' kuljum għandi hawnhekk huwa l-qattus tagħkom, u jien, biex ngħidilkom, naf li forsi qiegħed barra minn daru, u dejjem bil-ħsieb li ħallejtuh warajkom, kont qiegħda nitimgħu mal-qattus tiegħi", kompliet tgħidilhom Lieni.

"Konna ġejna għalih u ħadnieh magħna, imma, jaħasra, ħarbilna", qabżet tgħidilha Rożina, "ħarbilna".

"Ilek li rajtu?", staqsiet Delina.

"Dalgħodu stess", wieġbet Lieni.

"Issa x'ħin jiġi?" staqsiet Tessie.

"Min jaf. M'għandux ħin. Ġie li jdum jumejn ma jidher", issuktat tgħidilhom Lieni.

"Imxu immorru ngħidu lill-mamà... forsi narawh u nerġgħu niġbruh", qabżet tgħid minnufih Delina.

U telqu jiġru jgħidu 'l ommhom.

* * *

"Mamà, mamà, il-Blackie qiegħed hawn", infexxet tgħajjat Rożina, u warajha ħutha wkoll malli waslu d-dar.

L-omm kienet fil-bieb tistenniehom ma' ħuhom Fredu biex tgħidilhom ukoll li hija u ħuhom lemħu lil Blackie jaqbeż il-ħitan tal-għalqa ta' ħdejhom.

"Rajtu, mà? Imma 'l Blackie tassew dak li rajt?", staqsiet Delina.

"'Il Blackie kollu kemm hu. Jien ma ridtx nemmen 'l għajnejja, kif Blackie kellu l-ħila, mill-Imdina hekk 'il bogħod, isib it-triq u jasal hawnhekk", infexxet tgħid l-omm. "Irsaqt lejh, sejjaħtlu, ħabat riesaq, waqaf iħares lejja, imma meta mort biex naqbdu, donnu tgerrex minni, u telaq jiġri qalb is-siġar, kultant jieqaf iħares lura, sakemm għab għal kollox u ma rajtux iżjed".

"Dak żgur baża' li nerġgħu neħduh", qabżet tgħid Delina.

"Ara x'nagħmlu mà", qabeż igħid Fredu, it-tifel, "immorru ngħidu lil Lieni tiġborhulna u żżommu għandha marbut sakemm nerġgħu niġu ġimgħa oħra u nerġgħu neħduh magħna".

"Iva, iva, hekk nagħmlu mà", qabżet tgħid Tessie.

Qabel ma telqu għall-Imdina bis-sarar tal-għata u ħwejjeġ oħra, għaddew għand Lieni u talbuha tiġbrilhom lil Blackie sakemm il-ġimgħa ta' wara jerġgħu jaslu wasla u jeħduh minn għandha.

"Jalla jirnexxili naqbdu u nżommulkom, għax milli jidher il-qattus sar jitgerrex mix-xejn; jiġi jiekol bis-serqa; malli jħossok riesaq lejh jitlaq jiġri daqs vleġġa", qaltilhom Lieni.

"Agħmlilna mill-aħjar u nkunu nafuhulek", qaltilha s-sinjura Ġuża, omm it-tfal.

"Taħseb xejn, sinjura", wieġbet bil-ħlewwa kollha Lieni, "jalla s-Sema jieqaf magħna u jżommna ħajjin sa dak in-nhar. Aħna hawnhekk qalbna dejjem ittaqtaq. Mhux ħlief intellgħu u nniżżlu jekk inwarrbux minn hawn u nitilqu lejn Ħaż-Żabbar ħdejn it-tfal. Imma dawn l-erba' bhejjem u tjur li għandna rabtuna rabta magħhom li minnha ma nistgħux ninħallu bilġri"

"Is-Sema jieqaf magħkom Lien, u ma' kulħadd. Saħħa", wieġbet is-sinjura Ġuża hija u sa titlaq ma' wliedha.

"Saħħa, sinjura, saħħa, uliedi. Il-Bambin iżommkom qawwijin u sħaħ, u ħallu min jarakom". U b'dawn il-kliem, filwaqt li baqgħet issellmilhom b'idejha, sakemm l-oħrajn kisru l-kantuniera, daħlet ġewwa għax Majsi tagħha kien wasal mill-għalqa bl-erba' nagħġiet biex jisqihom u jdaħħalhom fil-maqjel.

* * *

Il-ġimgħa ta' wara l-ajru beda jissaħħab bi qtajja' ta' ajruplani ġejjin u sejrin, jistħarrġu lejn l-erbat irjieħ id-dehra talgħadu li mill-bogħod 'il bogħol ħassewh riesaq lejn il-gżejjer.

It-tfaqqigħ ta' sparar fl-ajru, il-ħoss ta' xi bomba 'l hawn u 'l hinn taw minnufih l-aħbar ta' xi attakki. Dlonk instemgħu l-agħjat tas-sireni, u n-nies ħarġet tiġri minn kullimkien għallkenn ta' taħt l-art. Kienu ġranet ta' attakki ħorox, wieħed wara l-ieħor, nhar u lejl.

Fl-irħula tan-naħa tal-punent tal-gżira u l-Imdina waslet l-aħbar ta' qirda kbira fl-inħawi tat-tarzna, l-Isla, Bormla u l-Birgu, u n-nies ta' dawk l-inħawi li kienu marru jgħammru f'postijiet oħra 'l bogħod, kienu fuq ix-xwiek biex malli jehdew dawk it-taqbidiet ta' l-ajru jmorru jitkixxfu jekk f'darhom ġratx xi ħsara jew jekk darhom għadhiex fuq saqajha.

Il-missier u l-omm ta' Delina u Rożina, is-Sur Feliċ u s-sinjura Ġuża, kienu wkoll jistennew il-waqt li bl-inqas biża' u taqtiq ta' qalb ikunu jistgħu jmorru jittawlu lil darhom, għal-

kemm hemmhekk ma kinux ħallew ħlief xi erba' injamiet ta' mobbli qodma. Hekk malli raw l-ajru jissaffa għal kollox u raġa' waqa' s-skiet, telqu minn filgħodu kmieni lejn id-dar tagħhom tat-trufijiet tal-Ħawli. Magħhom ħadu lil Delina u lil Rożina li kellhom mitt sena biex jaraw x'sar mill-maħbub tagħhom Blackie.

Dak in-nhar il-*buses* kienu mimlijin b'kotra ta' nies li bħal dawk xtaqu jmorru jaraw jekk f'darhom ġratx xi ħsara. Xi wħud ma kienu qatt tħarrku minn dawk il-postijiet tal-kenn minn mindu telqu lil darhom malli faqqgħet il-gwerra.

Malli niżlu mill-*bus* li wassalhom sal-bieb tal-Birgu għaġġlu jirbħu t-telgħa ta' fuq Santa Margerita. Xi dar 'l hawn u 'l hinn dehru bi ħġieġ ta' twieqi mfarrka u xi bibien b'xi injam imtajjar u mfarrak, iżda l-ħsara l-kbira ma kenitx laħqet f'dawk l-inħawi. It-triqat kollha baħħ: ebda ħoss ta' maħluq. Barra l-Mina tal-Blat, lejn it-triq li tagħti għal Ħaż-Żabbar ukoll baħħ. Tistħajlek miexi fuq l-art tal-mejtin. Ix-xatba tar-razzett ta' Lieni magħluqa. Ebda ħoss. Minn xi ħitan imwaqqgħa tal-għalqa kont tista' tara l-għorof, li biċċiet minnhom kellhom ukoll xi ġnub imwaqqgħa. Fil-mandra u fil-bitħa u fl-għelieqi ebda ħjiel ta' nies jew annimali. Dak il-ħin kien għaddej raġel ma' mara lejn il-Bieb ta' Hompesch. Is-sinjura Ġuża staqsiethom: "Tafu xejn jekk in-nies ta' dan ir-razzett għadhomx hawn?"

"Le, m'għadhomx hawn", weġbitha l-mara, "dawk telqu l-ġimgħa l-oħra bil-bhejjem b'kollox. Għandhom uliedhom Ħaż-Żabbar.

"Saħħa u grazzi", weġbitha s-sinjura Ġuża. "Imxu imorru, hawn m'għandniex għalfejn noqogħdu nitnikkru", issuktat tgħid lil żewġha u 'l uliedha.

Iżda Delina u Rożina għaddsu rashom u bil-kemm xtaqu jitħarrku minn dawk l-inħawi bit-tama li jaraw lil Blackie ħiereġ jew dieħel f'dak ir-razzett· Il-missier u l-omm u ż-żewġ uliedhom baqgħu mixjin u fl-aħħar għawġu t-triq li wasslithom quddiem darhom.

Id-dehra ta' ħaġa sewda maġenb il-għatba tad-dar waqqfithom xi pass 'il bogħod. B'ħarsa miblugħa dawru wiċċhom jistaqsu lil xulxin bla kliem. Fl-aħħar ħarrku l-pass u waqfu quddiem dik l-ħaġa sewda li ma kenitx ħaġ'oħra ħlief il-ġisem mejjet ta' Blackie, ġismu mtaqqab minn bċejjeċ ta' l-azzar tal-bombi. Il-bieb tad-dar deher sfrundat, iżda mhux miftuħ għal

kollox. Il-ħajt tal-faċċata tad-dar kien 'l hawn u 'l hinn mtaqqab ukoll minn dik l-istess arma li laqtet lil Blackie fil-waqt li riesaq lejn id-dar li minnha ma ried qatt jnfired.

Delina u Rożina baqgħu jħarsu lejn dak il-ġisem mejjet jixxuttaw id-dmugħ li beda jġelben minn għajnejhom. "Miskin Blackie tagħna kif kellu jtemm ħajtu. Fiex kellha twasslu r-rabta li kellu ma' din id-dar fejn twieled u trabba".

U dawn kienu l-ħsibijiet li għaddew minn moħħ is-sinjura Ġuża, żewġha u ż-żewġ ulied, Delina u Rożina, huma u jħarsu bi ħniena lejn dak il-ġisem mejjet tal-qattus għażiż tagħhom— xhieda ta' waħda mill-ġerħiet tal-gwerra.

---

## DE PROFUNDIS

*Ta'* Wallace Ph. Gulia

I

Il-qilla ta' l-imħabba
ma jista' għaliha ħadd —
bħal mewġ tal-baħar misjuqin għax-xtajta
tfarrak lil kulħadd!
U fis-sigħat nexfin tal-jiem sajfija,
fil-ġlata ta' Jannar,
l-erwieħ taż-żgħażagħ mixteqin jinfetħu
imġiegħla mill-imrar
ta' xenqa li ma tmutx minn lejl għall-ieħor.
Joħlom il-moħħ imħawwad it-thewdin,
u tul il-vini jiġru t-tqanqiliet
li jkiddu r-ruħ
u l-moħħ u l-qalb itertqu
sakemm tixtieq li jaqbeż fil-għajnejn id-dmugħ.
Tibda ż-żifna tal-ġmiel iddur quddiemek
u sabar ma tħallix f'ħajtek u jiemek.

Meta l-uragan
tal-passjoni jqalleb il-baħar tad-demm
u tlanġas ix-xita
madwar il-viżjoni tal-moħħ,
inħoss it-terremot

iheżżeż l-art taħt riġlejja,
u jfarrak il-palazzi
li bnejt fuq il-ħolma ta' ħajja fis-sew.
Fuqna,
li mxejna fit-toroq bil-lejl
u tgħabbejna bil-ħtija u d-dmugħ
u l-qasma tal-qalb,
ħniena, ħniena, Mulej,
mill-għoli ta' l-ogħla quċċata
fejn taħkem Sultan
fin-nir u fid-dawl,
minn ġos-saffi
matnazza bajdana
tas-sħab u taċ-ċpar,
ħniena, ħniena, Mulej!

Ir-rieda qalila li tqum
kollox tista' jekk trid:
ħafnet it-trab, ixxejjen,
issaltan bħal ħadid.

'Mma biex trid,
kemm trid ilġiem, rażan u qsim il-qalb;
sahra kull waqt, kull ħin,
le taqta', jew tongħos, jew tnin,
tul il-medda u l-kedda tas-snin.

U jiena għajejt, u għax għajejt intlaqt:
għamilt u ridt
dak li ħassejt flok li ħassejt u għamilt
li ridt!
u sibtni mibdul —
lejl minn nhar, qamar u xemx, twelid u mewt!!
Ir-ruħ ta' l-irwiefen
inkarmet ma' ruħi
u mal-mewġa tal-baħar inbramt,
fil-fondoq tal-ħalel miksija bir-ragħwa
li tbaqbaq u tagħli sa tinżel u tniżżel fil-qiegħ
fejn jixgħel il-fosfru ħadrani
u jgħaddi s-serp milwi fl-egħrien.
Fit-taqbida li twaħħax
għodost kemm-il darba,

u kemm-il darba qalgħetni l-belliegħa,
sakemm darba ħassejt in-nifs jinqata',
u "kollox" għidt, "kollox intemm!"
Imma fil-waqt il-mewġ lubien issajja
u s-sema iżraq xiref.
"Mulej, tħallihx jiddallam!"

Għalxejn!
reġa' d-dlam, qam ir-riħ, żied il-mewġ.
Tħabatt u tajt u tajt u għajejt,
u rġajt tajt biex inżomm f'wiċċ l-ilma,
għax ir-rieda kienet qalila fit-taqliba
daqs kemm fil-bnazzi;
'mma s-sabar tas-sliem kien nieqes,
u nieqes il-faraġ tas-sew,
sakemm ġejt int

Għalik, u għalik biss, u għal ħadd iktar,
tfajla tal-ħolm,
jixgħel ix-xiar ġo sidri...

II

Ma nafx! aktar, ma nifhimx!
Kif dan il-ġisem
li minnu nnifsu jbejjed id-dud,
għamara tal-virus, tat-tifojde u t-tifu,
tal-kankru u tal-qżiżijiet
jista' jkun l-għamara ta' l-Ispirtu s-Santu...

Jew minnu dak li nkiteb,
li qabel ma dinbu dawk il-ħmir,
il-mewt ma kenitx,
u kienu jgħixu l-mijiet tas-snin
u jaraw it-tielet u r-raba' ġidd,
waqt li l-bakterja u l-parassit u l-ħniex
kienu ħerġin qajl qajl
minn nisel imtaqqal mid-dnub,
u iktar bdew jegħlbu lill-bniedem
li iktar jissaħħam fid-dnub?

Hu kien dak li hu; b'saħħtu, bla mard,
bla mittiefes, safi, sultan il-ħolqien,
sakemm l-għamara ta' l-Ispirtu s-Santu,
maħruba mill-Ispirtu s-Santu,
sawtitu,
tertqitu,
beżqitlu,
ħakmitu
qalil u twerwer,
waħdu,
waħdu,
waħdu
minxur bejn sema u art
biex jagħmilna l-għamara
tal-Ispirtu s-Santu!

'Mma fuq rasi jwerden
l-ajruplan bla skrejjen;
igħaddi bil-lejl l-isputnik;
mixgħulin l-ibliet bin-neon,
id-dlam jistaħba;
liebes l-abjad, tas-sikkina,
mill-egħruq iqaxxar brunġiel il-kankru,
jaħsad l-infiħ li jeqred;
u lill-bubuni jwaddab,
mejtin fil-miżbla.
Quddiem l-antibijotiċi,
imgerrxa tarġa' lura l-Mewt imwerwra;
u kullimkien isaltan ħakkiem il-bniedem.

Inżel fuqi wkoll,
*et spiritum rectum*
*innova in visceribus meis.*
L-intejjen tan-niġġieża saffi
biex ħafif ngħum ġo l-ilma ġieri jleqq
ta' dawlek hieni.
Irfed il-ħarsa; il-ħsieb imgħaxxex arfa'.
X'jgħodd li l-magna ma taħdimx kif jixraq,
jekk min isuq
kien bnieha u jilgħab biha
u minnha joħroġ, jekk irid,

oħrajn wisq iġded
u jaqduH fli jrid?
u jaqduH fli jird?
*For thine is the power,*
*Thine is the glory!*

1950-1962

## LILL-MADONNA TAS-SAĦĦA

*Ta'* GIUS. MIFSUD BONNICI

6 O Marija, tjieba, imħabba·
Xebba u Omm minn t'Alla u tiegħi,
Lilek nitlob fil-hemm, fin-niket
Biex tfarraġni u tieqaf miegħi.

Meta l-mard ikun jifnini
Fuq is-sodda tal-uġigħ
Ngħajjat 'l Ismek f'waqt nistejqen,
Qalbi f'Qalbek biss tistrieħ.

Int tfejjaqli 'l ġismi, 'l ruħi
Issaffini mit-tniggiż,
Int timlieni b'tama sħiħa
Tfawwar qalbi b'ferħ qaddis.

F'tul il-mixja ta' dil-ħajja
Titlaqnix, ħaddanni miegħek
Sabiex fl-aħħar wara mewti
Ingawdik ma' l-Iben tiegħek.

St. Luke's Hospital
f'Jum il-Kunċizzjoni 1960.

# KRONAKA TAL-GHAQDA

## IS-SUR KARMENU CARUANA B.A. (Lond.), O.S.J.

Il-Kunsill tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u l-membri kollha tagħna għandhom tassew għax jifirħu bl-aħbar tas-suċċess li kellu l-magħruf akkademiku tagħna, is-Sur Karmenu Caruana B.A. (Lond.), O.S.J., li ġie maħtur Direttur ta' "Corpus Christi School" f'Toronto, mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' Ontario, Kanada.



Is-Sur Karmenu Caruana

Is-Sur Caruana kien membru fil-Kunsill tal-Għaqda tagħna fl-1944 u kien igħallem fil-Kulleġġ ta' San Lwiġi, Birkirkara, kif ukoll f'St. Albert College, il-Belt. Kemm sħabu t-teachers kif ukoll l-istudenti tiegħu kienu jiftaħru bis-Sur Caruana bħala bniedem ta' ħila kbira, enerġija u onestà fix-xogħol tiegħu ta' edukazzjoni.

Fl-1955 is-Sur Caruana emigra għall-Kanada u għallem f'St. John's Intermediate School u f'St. Joseph's School f'Toronto. F'Settembru 1962 beda x-xogħol tiegħu bħala Direttur ta' "Corpus Christi School", fejn hemm miegħu 20 teacher u 800 student. Kemm ilu l-Kanada s-Sur Caruana ħa interess mill-akbar mhux biss fil-kamp ta' l-edukazzjoni imma wkoll fix-xogħol ta' ġid għall-emigranti Maltin. Huwa għen kemm felaħ biex jidħlu l-Kanada Maltin li kienu sabu l-bieb magħluq ma' wiċċhom; ħadem biex isibilhom ix-xogħol; ħabat biex igħaqqad mill-ġdid familji mifruda; daħħal fl-isptarijiet u fl-istituti xi Maltin li kienu morda jew xjuħ; u wettaq mitt ħidma oħra ta' ġid li taf bihom biss il-Kummissjoni Emigranti f'Malta li ħatritu rappreżentant tagħha fil-Kanada sa mill-1956.

Bħala turija ta' ġieħ l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm (U.S.A.) ħatritu wkoll Knight of Grace fl-1959. Imma s-Sur Caruana, għalkemm imħabbat b'ħafna ħidmiet, baqa' jsib il-ħin biex juri mħabbtu lejn Malta, lejn il-Maltin ħutu u lejn il-Malti. Kemm jista', Karmenu jħobb jinkoraġġixxi t-talent artistiku tal-Maltin tal-Kanada. Huwa jikteb fil-"Malta News" tas-Sur George Bonavia, u fil-perjodiku ta' l-Emigranti Maltin "Lil Ħutna", li fih is-Sur Caruana jikteb l-aħbarijiet mill-Kanada, il-Paġna għat-Tfal u l-kolonna "Karmenu Jwieġeb".

Nittamaw li dan l-unur waħdieni li kiseb is-Sur Caruana jżid isaħħu fl-imħabba kbira li għandu għall-edukazzjoni u jżommu iktar marbut ma' l-Ilsien Malti.

# REĊENSJONIJET

**"LIN-NISRANI, IS-SAGRAMENTI"** ta' Mons. Gius. M. Xerri. Empire Press, Floriana — 1962. Paġni 38.

Din hi t-tieni edizzjoni ta' ktieb meħtieġ wisq għall-idejn l-Insara Kattoliċi, l-aktar fiż-żmenijiet li għaddejjin minnhom meta l-bruda lejn ir-Reliġjon u n-nuqqas ta' tagħlim dwar il-Fidi qegħdin inisslu periklu ta' materjaliżmu kif ukoll atejiżmu fil-ħajja.

Il-ħajja tal-bniedem tisfa' siewja jew fiergħa skond kemm tkun imseddqa mis-Sagramenti għax dawn "iqaddsu u jagħmlu Nsara tajbin lill-bnedmin". Imma biex il-bniedem jikseb il-ġid kollu li bih jagħnuh is-Sagramenti, jeħtieġ il-grazzja tal-Mulej, li kif kiteb l-Awtur, hi "għoti kollu kemm hu mill-ħniena t'Alla".

Min jaqra dan il-ktieb jitgħallem kif iħejji ruħu għall-grazzja t'Alla u bħala konsegwenza jitgħallem ukoll x'ġid jista' jakkwista mis-Sagramenti u s-sedqa li huma jsawru fuqu.

Din il-biċċa xogħol hi ta' xejra didattika għax mimlija tagħlim Nisrani u dan it-tagħlim hu meħtieġ biex il-bniedem igħix sewwa bħala nisrani u bħala ċittadin. Monsinjur Xerri kiteb dan il-ktieb taħt għamla ta' mistoqsija u tweġiba, imma l-mistoqsijiet huma maħsubin bħala mezz biex fit-tweġibiet ikun hemm dak it-tagħlim u dik l-ispjega utili għall-ġid u għall-profitt tal-qarrej. Minn dawk il-mistoqsijiet u tweġibiet wieħed jista' jintebaħ bil-għerf u bit-tjieba ta' l-awtur u bil-ħrara tiegħu li jgħallem lill-Insara u jmexxihom fit-triq tas-sewwa.

Dan hu l-ewwel ktieb ta' selsiela ta' kotba oħrajn bħalu, kull wieħed iddedikat għal Sagrament partikulari u skond ma jidher minn dan l-ewwel ktieb, is-serje ser tkun opra ta' fejda u ta' għerf li l-Maltin imisshom iħabirku biex jakkwistawha.

G.

**"IL-KALENDARJU".** Rapport bil-Malti minn Rob. Mifsud Bonnici· Progress Press — Malta, 1962. Paġni 15.

Il-kalendarju hu oġġett li jinteressa lil kulħadd għax fuqu hi irregolata l-ħajja tal-bnedmin, iżda għalkemm saru bosta studji u taqlib fissistema tal-qies taż-żmien, s'issa għadu ma nstab l-ebda kalendarju li hu perfett għalkemm il-kalendarju tagħna l-Insara, il-Kalendarju Gregorjan, hu l-aktar raġunat u tajjeb.

Għalhekk meta l-Professur Patri S. Zarb, O.P., għamel konferenza fl-Università fuq Il-Kalendarju Gregorjan, marru jisimgħuh ħafna nies, x'uħud l-aktar magħrufin ta' Malta. Dik il-konferenza wriet kemm huma profondi l-istudji li għamel l-Oratur dwar dan is-suġġett li l-għorrief taddinja qegħdin jistħarrġu fuqu. Il-Professur Zarb mhux biss semma n-nuqqasijiet tal-kalendarju, iżda fisser ukoll kif jistgħu jsiru tiswijiet fih u l-proposti tiegħu jidhru raġunati u meħtieġa.

Mela kienet idea tajba u ta' min ifaħħarha, dik tas-Sur Robbie Mifsud Bonnici li jagħti libsa Maltija lil dik il-konferenza li l-Professur Zarb għamel bl-Ingliż għax b'hekk il-għerf miġbur mill-Professur jista' jintlaħaq mill-poplu kollu u jkun ta' tagħlim u fejda għal dawk li ma jafux jaqraw ħlief b'ilsien art twelidhom.

s d.

**TAĦRIĠ TA' TRADUZZJONI GĦALL-MATRIKOLA U L-G.C.E.** Stampatur: Giov. Muscat & Co. Ltd., 1961.

Reginald Vella Tomlin tana ktieb ieħor, din id-darba taħriġ ta' traduzzjoni għall-Matrikola u l-G.C.E., biċċa xogħol li bħalha ġa rajna darb'oħra imma li għall-istudenti tibqa' tkun f'kull żmien ta' għajnuna u ta' ġid. Biċċa xogħol interessanti hija d-"Daħla". Fiha l-awtur bis-sengħa ta' wieħed imħarreġ sewwa fit-tagħlim u bl-esperjenza kbira li għandu fil-kuntatti li għamel mat-tfal Maltin, juri u jfisser dak li hu meħtieġ biex tkun tista' ssir traduzzjoni tajba. Għaxra huma t-twissijiet miġbura u mfissra mill-awtur li hu jsejħilhom ukoll l-għaxar kmandamenti tat-traduzzjoni, u kull student biex jagħmel qlib tajjeb minn lingwa għal oħra, dawn l-għaxar kmandamenti għandu jżommhom dejjem quddiem għajnejh.

Fil-ktieb hemm miġbura disgħin silta, uħud minnhom bl-Ingliż oħrajn bil-Malti, meħudin minn kotba ta' awturi magħrufa Ingliżi u Maltin. Ma nafux għaliex uħud mis-siltiet l-awtur tahom titlu, u oħrajn le. Dan qed ngħiduh għall-uniformità fit-tqassim tax-xogħol, u mhux għax jagħmel b'xi mod xi differenza lill-istudent fit-taħriġ tiegħu tat-traduzzjoni. Dan hu ktieb li nirrikmandawh sew lil dawk li qed igħallmu kemm ukoll lill-istudenti li sejrin jersqu għall-eżamijiet tal-Matrikola u tal-G.C.E.

ġ.c.

**SUSPETTI.** Ta' Albert Cassola — Progress Press, Valletta.

Albert Cassola huwa wieħed mill-kittieba tal-Malti magħruf għaxxogħlijiet tiegħu drammatiċi, fost dawn ta' min isemmi ġabra ta' kummiedji soċjali u atti uniċi taħt l-isem ta' "Għadu sa Jibda"; tiegħu f'"Il-Malti" konna qrajna "Pape Satan Aleppe". Mil-lista ta' xogħlijiet letterarji jidher ukoll li kiteb xi radjodrammi, xi rakkonti u xi rumanzi. Ir-rumanz tiegħu Nina, f'konkors imniedi mir-Rediffusion, laħaq it-tieni fost l-ippremjati. Cassola wera wkoll il-ħila tiegħu bħala kittieb ta' proża drammatika u versi bit-Taljan.

L-Att uniku *Suspetti*, ippubblikat f'librett ta' 20 faċċata, huwa mibni fuq argument li ma jidhirx ġdid għal kollox, bi svolġiment u ċirkustanzi li fihom l-Awtur wera teknicità partikulari fis-sitwazzjonijiet tat-trama għalkemm daqsxejn waħda imwiegħra. Maħdum bi stil mexxej u bi djalogi iktarx dejjem ħajjin, għalkemm 'l hawn u 'l hinn tiltaqa' ma' xi espressjonijiet li jidhru traduzzjoni ta' frażijiet Taljani, l-iktar fl-idejiet astratti, kif ukoll ma' xi kelma Taljana li flokha kienet toqgħod aħjar il-kelma Maltija fi proża drammatika.

Il-karatterizzazzjoni hija milquta, iżda ċerti karatteri jitbiegħdu xi ftit min-naturalezza individwali, l-iktar il-karattru ta' Gino li fih tirkaċċa l-ħruxija vulgari tal-qilla tiegħu lejn il-missier, li quddiem ħoħħu—kif sar jaf wara li kiber—kien il-qattiel t'ommu, meta din il-qilla ta' iben lejn il-missier, għall-mewt t'ommu, li ma jafhiex sewwa għax kien għadu żgħir, setgħet psikoloġikament tkun iżjed *velata*.

Il-*climax*, fis-soluzzjoni tas-suspetti koroh tat-tifel, hija d-dikjarazzjoni ta' l-innoċenza tal-missier kontra l-akkuża ta' ibnu, li għandu iktarx minn prosekutur pubbliku milli minn sempliċi akkużatur ta' missier, u li tinħass minnufih bi proċess forsi mhux tant naturali, bħala doċċa kiesħa fuq qalb li tkun ilha tarmi nirien kbar ta' għadab u mibegħda, u li tibred hekk f'daqqa waħda sa ġġagħal lil iben jitlob maħfra lil missieru.

Bħala qofol, jidher fl-aħħar żviluppat tajjeb, fl-ispirtu nobbli tal-missier, il-motiv tas-sigriet tal-ħtija tat-tifel li fi ċkunitu kien, bla ma jaf, il-veru qattiel t'ommu.

Nittamaw li s-Sur Cassola jibqa' jagħtina iżjed xogħlijiet drammatiċi ta' xeħta moderna li minnhom għadu nieqes ir-repertorju ta' l-arti drammatika Maltija.

L-Att "Suspetti" jinsab għall-bejgħ għand il-librara Giov. Muscat, Aquilina, u "Castille T. Co.," (Archbishop Str., il-Belt), bil-prezz ta' 1s 6d.

XXXX

**"MANWEL GELLEL".** Rumanz ta' Ġużè Cardona. Union Press, Malta, 1961. Paġni 264.

Is-Sur Ġużè Cardona l-lum għamel isem bħala studjuż ta' l-istorja ta' Malta u bħala storiku ta' belt twelidu. Aħna konna nafu bir-riċerki u bl-istħarriġ tiegħu fuq dokumenti, manuskritti u kotba li jittrattaw fuq l-istorja ta' Ħal Qormi, imma issa dan il-ktieb hu xhieda ta' kemm l-awtur daħal fil-fond fit-tfittix ta' l-istorja. "Manwel Gellel" jista' jitqies bħala dokument ta' kif kienet il-ħajja f'Malta in ġenerali u f'Ħal Qormi in partikulari, wara l-imblokk tal-Franċiżi u fl-ewwel ftit snin ta' l-Ingliżi f'Malta.

Bħala l-ewwel rumanz "Manwel Gellel" hu xhieda tal-ħila u tas-sengħa ta' l-awtur tiegħu u hu wkoll rahan ta' ħidmiet oħrajn li nistennew mis-Sur Cardona fil-qasam letterarju tagħna. Ir-rumanz għandu kulma jeħtieġ biex jogħġob lill-qarrej, jiġbru, iżommu bil-kurżità li jara x'se jiġri u jqajjimlu ġibda jew stmerrija lejn il-persunaġġi li jieħdu sehem fil-ġrajja.

Il-qofol tal-ġrajja hu l-qerq tal-persunaġġ prinċipali, Manwel Gellel, li bil-ħażen ta' moħħu u bid-dnewwa jseħħlu jilħaq Logutenent jew Sindku tal-Belt Pinto fejn ħaqar, ħawwad u għassed kif ried. Il-figura u l-għamil ħażin ta' Gellel jagħmlu kuntrast mal-personalità u l-irġulija ta' persunaġġi ewlenin oħra li jieħdu sehem fir-rakkont u li ħallew isem fl-istorja ta' Ħal Qormi u ta' Malta, bħalma huma s-Sur Slaw Gatt, is-Sur D'Amato taż-Żurrieq, is-Sur Cachia taż-Żejtun, in-Nutar Grech li laħaq Logutenent wara li nkixef l-għawar ta' Gellel, it-tabib Micallef u Dun Belin Gauci. Imma barra dawn il-kbarat hemm ukoll karattri meħudin mill-kotra li fil-ġrajja għandhom huma wkoll sehem ewlieni bħas-Surġite, bħal-Bellul u oħrajn. Is-sabiħ tar-rumanz hu li l-awtur għaraf jirrakkonta mhux biss is-sehem li jieħdu l-persunaġġi imma b'sengħa ta' mgħallem, seħħlu jiġbed il-karattru u r-ruħ tagħhom hekk tajjeb li l-qarrej jistħajjilhom ħajjin quddiemu. Min jaf lil Ħal Qormi sewwa u min hu midħla

tan-nies ta' hemm, malajr jinduna kemm l-awtur għaraf iqaxxar bir-reqqa l-post u l-abitanti u kemm iddeskriva bil-għaqal l-irkejjen u d-djar ta' hemm. Fuq kollox matul il-ktieb, wieħed jintebaħ b'ħarira ta' patrijottiżmu li ddomm il-ġrajja mill-bidu sat-tmiem u l-qarrej jagħraf ukoll sentiment umanitarju li jħaddan il-persunaġġi u l-għamil tagħhom. L-awtur jagħmel ħafna riferenzi għall-ġrajjiet ta' l-imblokk u għall-parti li kellhom il-Maltin biex żammew il-Franċiżi magħluqin wara s-swar sakemm kellhom iċiedu, u jsemmi wkoll il-maneġġi li saru biex l-Ingliżi jitfgħu l-egħruq f'Malta.

L-awtur ipinġi ritratt tajjeb tal-Ġeneral Pigot u ta' l-Ammirall (mhux Ġeneral) Ball u f'erba' kelmiet ifisser lill-qarrej in-natural ta' dawk iż-żewġ kapijiet li ħadu sehem kbir fil-miġja ta' l-Ingliżi f'din il-Gżira.

Ir-rumanz mhux nieqes mis-sentimenti ħelwin ta' l-imħabba, imma l-awtur ma mexiex fuq ix-xempju stereotipat tal-ġibdiet amorużi; hu ħoloq dik l-għamla ta' mħabba li tħaddan b'saħħa kbira żewġ żgħażagħ u tix-għelhom f'seħer ta' hena. L-imħabba ta' Ġorġ, ta' Rita u ta' Grazzja huma tliet xejriet ta' qlub imħeġġa b'nar li jsaħħan u jdawwal, iżda li jnissel qawwiet u ġibdiet differenti f'kull wieħed u waħda minn dawk it-tliet persunaġġi. Imma għalkemm ma jaqblux fit-tqanqil ta' mħabbithom, f'dawk it-tliet żgħażagħ wieħed jara sentiment ta' rassenjazzjoni Nisranija lejn ir-rieda tal-Mulej. Ukoll fl-imħabba ta' Katrin li ma kinetx liezma kemm għandha tkun, wieħed jinduna b'ġibda ta' ražna li ma tħallix lil dik l-imħabba titmasħan fil-għajb.

L-awtur għandu sengħa sabiħa u ħarkiena għad-deskrizzjonijiet li hu jaqlagħhom b'reqqa u ġmiel; hu jaf ukoll jesprimi t-tqanqiliet u x-xejriet tan-nies għoljin u baxxi u jaf jirrakkonta kif huma jgħixu u kif jaħsbu; fuq kollox għandu ħabta jinqeda bid-drawwiet folkloristiċi biex jagħti ħajja u kulur lill-episodji li jiddeskrivi: il-festa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas u l-Ħanżira ta' l-Erwieħ, huma fost ħafna oħrajn, żewġ drawwiet li jsebbħu mhux ftit il-ġrajja.

Bħala regula l-episodji tal-ġrajja huma midmumin tajjeb flimkien, iżda hemm xi żewġ episodji li mingħajrhom il-plot kien jimxi tajjeb, e.g. l-arrest tal-Misis, u l-ħasra esaġerata ta' Grazzja (paġ. 216). Forsi l-awtur b'mezz l-ewwel episodju ried iżid jagħfas fuq il-karattru mill-agħar ta' Gellel u forsi wkoll bit-tieni episodju hu ried juri kemm Grazzja kienet xebba twajba u sempliċi. Imma ċirkustanzi oħrajn imsemmijin fir-rumanz huma biżżejjed biex juru l-karattru ta' dawk it-tnejn min-nies. Laqtuna wkoll il-ħafna żbalji fl-istampa li minn xi daqqiet itellfu s-selsiela tal-ġrajja u jfixklu lill-qarrej, iżda dawn ma humiex ħtija ta' l-awtur u jistgħu jissewwew f'edizzjoni aħjar. Mill-bqija s-Sur Cardona ħaqqu tifħir u nkoraġġiment talli żied fanal ieħor fit-tempju tal-letteratura Maltija.

G.

**"ID-DAR TAZ-ZIJA LAWRA".** Rumanz ta' Joseph Schembri. Edituri A.C. Aquilina & Co. Malta, 1962. Paġni 212.

Dan mhux rumanz ta' intriċċi li jħabblu l-moħħ jew ta' avventuri u misterji li jnisslu biża' u tregħid fil-qarrej iżda hu ktieb li fih il-qarrej jedha bil-ġrajjiet u l-praspar li kuljum jiltaqgħu magħhom nies bħalu. Il-

qarrej jisthajjel li qiegħed jaqra dwar qrabatu jew il-ġirien tiegħu meta folja wara l-oħra, isib x'għadda minn Teresa, Karolina, Lawra, Wilfred u s-Sur Cassar u mill-ħbieb u l-klikek tagħhom. L-awtur ma jittrattax fuq eroj li għaġġbu d-dinja bil-ħila tagħhom, imma b'sengħa ta' mgħallem ifisser xenqiet il-qlub u ħsibijiet il-moħħ ta' persuni meħudin mill-kotra u jiġbidhom naturali fil-ħajja tagħhom komuni, il-ħajja ta' għira, tnassis, seksik; dik il-ħajja li tiddandan bil-qoxra ta' barra iżda tistor il-ġewwieni.

Il-lum hawn ġibda kbira għal min hu ordinarju, dak li t-Taljani jsejħulu "*L'uomo qualunque*" daħal f'kollox u kullimkien ta x-xejra tiegħu lill-ħajja ta' żmienna. Din ix-xejra tidher bħal f'mera fir-rumanz u finnovelli moderni li ma humiex ħaġa oħra ħlief rifless tal-ħsieb u tal-għamil tas-sentiment tan-nies tal-lum.

Dan ir-rumanz jimxi mal-kurrent ta' żmienna u għandu interess speċjali għall-qarrej Malti, l-ewwelnett għax hu wieħed mill-ftit xogħlijiet letterarji f'ilsienna ta' dan il-għamla letterarja ġdida u t-tieninett għax jittratta jew aħjar, jirreġistra għal min jiġi warajna, aspetti talħajja Maltija fit-tielet kwart tas-seklu għoxrin.

L-awtur jidher li hu bniedem ta' dehen u ta' loġika, għax isawwar sitwazzjonijiet u joħloq episodji raġunevoli u naturali; fuq kollox idommhom flimkien bil-gost u bil-għaqal, bħal meta s-Sinjura Lawra tħajret għas-Sur Cassar; bħal manjiera li biha ġiebet ruħha Teresa lejn iż-żewġ żgħażagħ Olivier u Robert. L-awtur ukoll għandu ħila jżomm il-qarrej hieni bla ma jiddejjaq għax matul il-ktieb hemm nisġa ta' tinbix li dlonk iqajjem tbissima f'fomm il-qarrej: aqra biex tara xi ħlieqa ħelwa hemm, ir-rakkont tar-rikba tas-Sinjura Lawra u r-rivali tagħha Vinċenzina fl-istess karozza mill-Marfa sal-Belt. Kull tant l-awtur jinqeda, b'ħarira sarkażmu, bħal meta, biex iwaqqa' għaċ-ċajt il-kliem barrani u esaġerat fil-fomm ta' ċerti professjonisti, jġib id-djalogu bejn in-Nutar u s-Sinjura Lawra meta din marret biex tibdel it-testment.

Fuq kollox dan ir-rumanz ma fihx vers wieħed li mhux xieraq jew li jqarras il-wiċċ; hu ktieb onest u tal-galbu u jista' jingħata f'idejn kulħadd kbar u żgħar, għax jinqara bil-ħeffa u bil-pjaċir. Ir-rakkont hu miġbud b'sentimenti nobbli iżda mhux sentimentali; in-nisġa tiegħu hi oriġinali, naturali u realistika. Kellu raġun il-poeta Karmenu Vassallo fil-"Kelmtejn Qabel" il-bidu jikteb, "jekk xi wħud ma jsibu xejn tal-għaġeb f'dan ix-xogħol oriġinali, ma jistgħux madanakollu ma jsibux li kull ma hemm fih hu naturali u realistiku għal darba".

Ir-rumanz fih il-morali tiegħu wkoll u jgħallimna li l-bniedem ma għandux jagħmel ġid lil għajru bil-fehma li jġagħlu joqgħod għalli jgħidlu bħalma kellha ħsieb is-Sinjura Lawra meta għenet lil neputiha, is-Sur Wilfred. Filwaqt li nifirħu lil-awtur għal dan l-ewwel rumanz tiegħu, nixtiqulu kull suċċess biex jagħmel il-ħila u jikteb oħrajn bħalu għall-ġieħ tiegħu u b'riżq il-letteratura Maltija.

G.

**META TOĦLOM IL-QALB**—Ġabra ta' Poeżijiet ta' Ġ. Delia, S.J.—Giov. Muscat & Co. Ltd., Malta, 1962, paġni 134

Dak li ġrali ma' Ġorġ Zammit, ġrali wkoll ma' Patri Ġużeppi Delia, S.J. Waħda mill-ewlenin, jekk mhux l-ewwel waħda, fost il-poeżiji bl-Ingliż li ħabbitni ma' Ġorġ Zammit qabel ma sirt nafu kienet dik li tibda bil-versi:

*Twilight drooping heavy on the yawning town of Rome;*
*Streaks of pink and yellow piercing through St. Peter's dome...*

Din il-poeżija ma tinsab f'ebda wieħed mill-kotba ta' poeżiji bl-Ingliż ta' l-Avukat Ġorġ Zammit. Hekk ukoll waħda mill-ewwel poeżiji bil-Malti, jekk mhux l-ewwel waħda, li ħabbitni ma' Patri Delia qabel ma sirt nafu u li tħalliet barra minn dan il-ktieb, kienet dik li tiftaħ bil-versi:

*Fejn hi dik l-hena l'int, ja dinja, wegħ'dtni,*
*Biex l-għatx ta' qalbi xxabba'...*

Din il-poeżija, imgħammda *Xenqiet il-Qalb*, dehret l-ewwel darba fil-"Pronostku Malti" ta' l-1929 li, bħalma għadu jagħmel sal-lum, kien joħroġ għall-bejgħ (dak iż-żmien bil-prezz ta' sold u nofs) f'Ottubru jew għall-bidu ta' Novembru tas-sena ta' qabel. Dik il-poeżija ta' għaxar strofi ta' l-erbgħa, bl-ewwel u t-tielet vers tal-ħdax u bit-tieni u r-raba' vers tas-sebgħa, jien kont tgħallimtha, u għadni nafha s'issa, bl-amment. Dik il-ħabta kelli bejn ħmistax u sittax-il sena. Tliet snin wara, u sewwa sew fil-"Pronostku Malti" ta' l-1932, dehret mitbugħa waħda mill-ewwel poeżiji tiegħi, *Inħobbok*, bl-isem b'ieħor ta' "Lumzavas". Ukoli matul dik is-sena kienu dehru f'"Leħen il-Malti" żewġ poeżiji oħra minn tiegħi, *B'Tifkira ta' Ommi* u *Għanja lil Malta*—dik fil-ħarġa ta' Lulju u din fil-ħarġa ta' Diċembru. Imqabblin ma' ta' Patri Delia, dawn tiegħi qishom nida ħdejn ix-xita, ħajta dell ħdejn baħar dawl. B'danakollu, l-ewwel poeżiji kbar ta' Delia lili swewli mhux ftit biex naqbad u nissokta miexi fi triq il-Poeżija. F'dan is-sens jixraq li nsieħeb ma' tiegħu xi poeżiji sbieħ ukoll, anzi mill-aħjar, ta' poeti oħra, fosthom Rużar Briffa u Nikol Biancardi, li bejniethom it-tlieta kienu aktarx jitqassmu dik il-ħabta l-ewwel tliet premjijiet fil-Konkorsi mnedijin ta' kull sena għall-Almanakk ta' Muscat. Dawk l-ewwel poeżiji ta' dawn iż-żewġ poeti kont tgħallimthom bl-amment ukoll; għadhom friski f'moħħi kif kienu daqqa ta' tletin sena ilu; u naħseb li nibqa' niftakarhom sa ma mmut.

Għaliex il-poeżija *Xenqiet il-Qalb*, bħal seħbitha *Inżul ix-Xemx*, tħalliet barra mill-ktieb META TOĦLOM IL-QALB ma nafux. Li dawn il-poeżiji m'humiex l-aqwa u l-aħjar tnejn li għandu Patri Delia nifhmuh. Imma li huma żewġ poeżiji tajbin u sbieħ ma jiċħdu ħadd. U tabilħaqq dik ta' l-ewwel insibuha magħżula u mdaħħla fl-ewwel ktieb ta' "Ward ta' Qari Malti" (1936), pp. 86-7; filwaqt li l-oħra ntgħoġbot ħafna wkoll u ntgħażlet u ddaħħlet fit-tieni ktieb ta' "Ward ta' Qari Malti" (1937), pp. 278-9, u fl-antoloġija "Mill-Għejna Maltija" (1951), pp. 42-3.

Poeżijiet oħra mhux inqas magħrufa milli ta' min ifaħħarhom, u li nsibuhom miġburin m'oħrajn fit-tieni ktieb ta' versi ta' Patri Delia (l-ewwel wieħed, maħruġ fl-1958, iħaddan disa' leġġendi u jismu hekk ukoll—LEĠĠENDI), huma: *Ave Marija*, *Qatra ta' Nida*, *Taħbit il-Qalb*, *Nixtieq*, *Tifkiriet* u *'Air-Raid' bil-Lejl*, li diġà konna rajniehom stampati, qrajniehom u tgħaxxaqna bihom f'perjodiċi reliġjużi, f'rivisti letterarji u f'xi wħud mill-aħjar antoloġiji li għandna bi Lsienna.

Imma isbaħ u oħla, ifjen u iprem minn dawn — xhieda mill-isbeħ ta' mħabba safja għal Artna u għat-Twemmin Nisrani, ġawhar li jgħaxxaq bi ġmielu u jgħammex bid-dija li fih, mera tar-rabta u l-għaqda li għandu jkun hemm bejn l-aħwa, u fl-aħħarnett *monumentum aere perennius* għal wieħed mill-aqwa poeti u wieħed mill-egħref saċerdoti tagħna — huma

l-poeżiji *It-VIII ta' Settembru* u *Għanja lil Malta*, *Quddiem Xbieha ta' Ġesù* u *Tiftakar?* Kull waħda minn dawn l-erbgħa kienet ħadet l-ewwel premju fil-Konkors ta' Poeżiji tal-"Pronostku Malti" ta' Giov. Muscat. L-ewwel tnejn ħarġu fl-1926 bl-inizjali S.A.D.; it-tieni fl-1927 bl-inizjali S.A.C.; it-tielet fl-1932 fuq il-firma S.J.; u l-oħra fl-1930 fuq l-isem b'ieħor ta' "Oħtok". Meta Patri Delia rebaħ l-ewwel premju bl-eleġija tiegħu *Tiftakar?*, Rużar Briffa (il-lum tabib, speċjalista u 'lecturer' fl-Università) ħa t-tielet b'*Wieħed Biss* — żewġ poeżiji mill-isbaħ u mill-akbar li qatt inkitbu bil-Malti u li bħalhom ma nafx jinkitbux oħrajn! Għal dik li hi qawwa u saħħa fil-ħolqien u l-insiġ ta' ħsibijiet, għal dak li hu tifwir u tqanqil u nar ta' sentimenti, u għal dawk li huma preġji fis-sengħa u l-bini ta' versi u ritmu dawn iż-żewġ poeżiji — tneħħi s-suġġett li fuqhom ssawru—ma nħomx x'tagħżel bejniethom. Kieku b'dak li jien il-lum kelli naqtgħalhom xortihom meta daħlu għall-Konkors tnejn u tletin sena ilu, kont ngħarrashom u nżewwiġhom billi nagħti lit-tnejn premju wieħed—dak, kieku sata' jkun, ta' qabel l-ewwel.

*Għanja lil Malta* u *It-VIII ta' Settembru* kienu ntgħażlu u nġiebu t-tnejn f'"Ward ta' Qari Malti"—dik fit-II Ktieb, pp. 202-3, u l-oħra fit-III Ktieb, pp. 422-3. Għal ta' l-ewwel l-antoloġisti qalu: "Poeżija taħraq bl-imħabba għal Malta". Għal sieħbitha setgħu, bejn wieħed u ieħor, qalu l-istess. *Quddiem Xbieha ta' Ġesù* nsibuha wkoll f'żewġ antoloġiji: "W.Q.M.", Ktb. III, pp. 135-6; u "Mill-Gnejna Maltija", pp. 66-7. Il-Professuri P.P. Saydon u G. Aquilina stqarrew u kitbu li din hi "waħda mill-oħla poeżijiet maħruġa minn qiegħ il-qalb—*de profundis*. Dak li l-poeta qal għall-pittur fil-ħames strofa, nistgħu bil-ħaqq kollu ngħiduh aħna lilu". L-eleġija *Tiftakar?* insibuha miġjuba fl-istess żewġ antoloġiji, jiġifieri fit-II Ktb. ta' "W.Q.M.", pp. 31-32; u f'"M.G.M.", pp. 27-28. Dwar din l-eleġija, fil-ktieb tiegħu *Studji Kritiċi Letterarji*, il-Professur Aquilina kiteb hekk: "Hemm għamla ta' poeżija li Delia kiteb aħjar mill-oħrajn, barra Dun Karm, u din hi l-eleġija, li l-aqwa waħda, għax maħruġa mill-qalb, hi dik miktuba lil ħuh (Benedetto)".

Għad li dawn huma l-aħjar u l-iprem poeżiji ta' Patri Delia, il-bqija huma mhux biss ta' min igħożżhom imma ta' min ifaħħarhom ukoll. Barra *El Viatico*, li hi t-traduzzjoni bl-Ispanjol tas-saffika *Il-Vjatku* ta' Dun Karm, fil-ktieb META TOHLOM IL-QALB hemm b'kollox 82 poeżija—35 minnhom reliġjużi, 13 patrijottiċi u 34 varji. Xi wħud mis-sunetti huma sbieħ tassew, u tnejn jew tlieta minnhom iħabbtuha ma' l-aqwa sunetti ta' Dun Karm, Rużar Briffa u Ġorġ Pisani. Fost dawn, ta' min isemmi: *Manikomju*, *Tnehid il-Baħar* u *Lil Raħal Twelidi*. Poeżija oħra, tewmija fil-ħsieb ma' dan is-sunett ta' l-aħħar imma bil-wisq itwal u mhux inqas sabiħa, hija s-saffika li ġġib l-istess isem—*Lil Raħal Twelidi*. Il-poeta Giżwita jħobbu bla tarf lis-Siġġiewi. Iħobb lil raħlu, lil ulied raħlu, kull m'għandu x'jaqsam ma' raħlu. Quddiem għajnejn Patri Delia s-Siġġiewi hu l-isbaħ raħal, l-isbaħ ħelt, l-isbaħ u l-egħżeż ġabra ta' teżori:

*Ħabbejtek minn ċkuniti u bi ġrajjietek*
*Quddiem kulħadd tkabbart;*
*Għax kull fejn morr u ġrejt, jien isbaħ minnek*
*Ma sibt imkien f'din l-art.*

Tant iħobbu lil raħlu u raħli, u tant huma għal qalbu wlied is-Siġġiewi, li dan il-ktieb iddedikah lil ħutu Siġġiwin li fosthom twieled u kiber u tgħallem il-Malti.

META TOHLOM IL-QALB huwa l-isbaħ u l-egħżeż tifkira li l-Poeta tal-Hlewwa u tat-Tjieba sata' jħallilna f'ħajtu għat-tiġdid tal-kobor poetiku tiegħu wara mewtu. Saċerdot u patrijott, poeta kbir u oratur ta' ħila, lingwist u reliġjuż mill-aħjar, Patri Delia, li ħabb u għanna bl-oħla versi r-Reliġjon ta' Kristu, il-ġmiel ta' Malta u l-qlubija ta' niesha, it-tiġrib li għaddejna minnu fl-aħħar gwerra, u dak li hemm sabiħ u nobbli fil-ħolqien u fil-ħajja, *non omnis morietur*.

K. VASSALLO

IN MEMORIAM

## REV. PATRI RIKARD BORN, O.P.

**Wieħed mill-aktar abbonati antiki tar-rivista tagħna, ir-Rev. Patri Rikard Born, O.P., ħalliena biex imur għall-premju li jistħoqqlu fis-Saltna tas-Sema.**

**Patri Born ma kienx abbonat ta' l-isem, imma kien iħobbha tassew minn qalbu lir-rivista tal-Għaqda; kien jaqraha mill-bidu sat-tmiem, jitkellem fuqha u jfaħħarha għal dak kollu li jkun hemm fiha sabiħ u tajjeb.**

**Nagħtu l-għomor lill-Komunità Dumnikana, fosthom lil neputih, ir-Rev. Patri Wistin Born, O.P., membru tal-Kunsill tal-Għaqda, kif ukoll lill-qraba u l-ħbieb.**

**Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.**

**v.a.**

## TISWIJA DWAR IL-LISTA TA' MEMBRI

**Fil-Lista tal-Membri tal-Għaqda li dehret fl-aħħar ħarġa ta' IL-MALTI, jisgħobbina li qabżulna l-isem ta' PATRI ALFRED M. PREVI, O.P. u l-isem tas-SUR ALBERT MALLIA ZARE, B.A. (Hons.), li daħlu membri, wieħed fit-12.3.60 u l-ieħor fl-4.12.60. Isimhom għandu jidher fil-Lista darb'oħra u f'dik li se jkun hemm fi gwerniċ mal-ħajt tad-Dar tal-Għaqda.**

## ERRATA-CORRIGE

**TISWIJA**—Il-ħdax-il vers ta' l-ewwel stanza u l-ħdax-il vers tat-tieni stanza fil-poeżija ta' K Vassallo, "Lil Dun Mikiel Xerri", li dehret f'IL-MALTI ta' Settembru, 1962, pp. 67-71, iridu jinqraw kif ġej:

'li għall-qawwa li *wrejt* quddiem l-egħdewwa...' u
'*mija u sittin* sena ilu u tliet magħhom.'

# WERREJ GHAS-SENA 1962

**A.Z.**
Freddie Buhagiar ... ... ... .. ... ... faċċ. 26

Ġorġ Pisani — Poeta ... ... ... ... ... ... ,, 51

Karmenu Vassallo, Poeta u Filosofu ... ... .. ,, 104

**Abela Ġużi**
*Kristina* ... ... ... ... ... ... ... ,, 109

**Agius Muscat, Anton**
Lejla Dawl ta' Qamar ... ... ... .. ... ... ,, 42

**Aquilina, Fra Ġorġ, O.F.M.**
Patri Liborju Caruana, O.F.M. ... ... ... ... ,, 9

**Aquilina, Pawlu**
*Bla Benna, Bla Ġmiel* ... ... ... ... ... ... ,, 103

**Azzopardi, Louis**
*Grajjiet Trojja* ... ... ... ... ... ... ... ,, 92

**Barbara, Patri Valentin V., O.P.**
*Qrib il-Port* ... ... ... ... ... ... ... ,, 21

**Bezzina, John**
Folklore tar-Randan f'Għawdex ... ... ... ... ,, 15

**Pantalleresco, G., P.L.**
Il-Għid it-Tajjeb ... ... ... ... ... ... ... ,, 60

**Busuttil, Joe**
*Serħien* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 41

**Camilleri, Dun Frans**
*Lil Dun Mikiel Xerri* ... ... ... ... ... ... ,, 35

**Cardona, Ġużè**
*Għaliex Mulejja?* ... ... ... ... ... ... ,, 49

**Coleiro, Charles**
*Milied Malti* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 102

**Cremona, A., D.Litt.**
Il-Mewt tal-Prof. Patri A. Cuschieri, Ph.A., D.D., O.C. ,, 79

Blackie ... ... ... ... ... ... ... ... 84, 111

*Lill-Arloġġ* ... ... ... ... ... ... ... ,, 97

**Editur**

Qari u Kitba bil-Malti fl-Istorja tat-Tagħlim f'Malta ... facc. 3

Kronaka tal-Għaqda ... ... .. ... ... ... 20, 55, 122

Ħarsa lura u oħra 'l quddiem ... ... ... ... ... facc. 33

Sussidji għall-Pubblikazzjonijiet Letterarji ... ... ,, 65

Lista tal-Membri tal-Għaqda ... ... ... ... ... ,, 99

Il-Għaqda fil-Għaqda ... ... ... ... ... ... ,, 101

**Galea, Ċużè, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.**

Il-Patrijottiżmu ta' Dun Mikiel Xerri ... ... ... ,, 71

**Gauci, Mons. Anton**

*Ulied ir-Raba' t'Għawdex* ... ... ... ... ... ,, 25

**Gulia, Wallace Ph., B.A., B.Sc., LL.D., M.A. (Admin.) (Manch.) D.P.A. (Lond.)**

*De Profundis* ... ... ... ... ... ... ... ,, 117

**Mejlak, Joe**

*Waħdi* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 48

**Mifsud Bonnici, Gius.**

*Lill-Madonna tas-Saħħa* ... ... ... ... ... ,, 121

**Mintoff, Patri Dijonisju, O.F.M.**

Indrì, ... ... ... ... ... ... ... ... .. 12

**Piscopo, Anthony**

Ġew Sabbruni ... ... ... ... ... ... ... ,, 82

**Previ, Patri Alfred M., O.P.**

*Quddiem Xbieha tal-Madonna* ... ... ... ... ,, 9

*Reċensjonijiet* ... ... ... ... ... ... ... ... 28, 61, 98, 123

**Vassallo, Karmenu**

Il-Poeżija u Aħna ... ... ... ... ... ... ... facc. 36

*Lil Dun Mikiel Xerri* ... ... ... ... ... ... ,, 67

**Vella Bondin, Joe**

Fwieħet il-Ward ... ... ... ... ... ... ... ,, 22